Il-Ġurnal Uffiċjali C 322

tal-Unjoni Ewropea

Volum 61

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

12 ta' Settembru 2018

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 322/01 Rata tal-kambju tal-euro 1

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2018/C 322/02 Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd 2

2018/C 322/03 Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd 2

2018/C 322/04 Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd 3

2018/C 322/05 Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd 3

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 322/06 Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fir-Renju tat-Tajlandja 4

MT

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 322/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8236 — Vossloh Rail Services/Rhomberg Sersa Rail Holding/Rhomberg Sersa Vossloh (JV)) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] 16

2018/C 322/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8977 — Lone Star Funds/Imerys TC) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] 18

2018/C 322/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8960 — Adient/Boeing/JV (Aircraft seats)) [1] 19

2018/C 322/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9114 — KKR/TPG Asia/KMK/Square Peg/PropertyGuru) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] 20

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 322/11 Avviż ta' Informazzjoni — Konsultazzjoni Pubblika — Termini mill-Mercosur li għandhom jiġu protetti bħala termini tradizzjonali għall-inbid fl-Unjoni Ewropea 22

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Il-11 ta' Settembru 2018

(2018/C 322/01)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1574	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5231
JPY	Yen Ġappuniż	128,82	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,0850
DKK	Krona Daniża	7,4595	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7773
GBP	Lira Sterlina	0,89068	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5945
SEK	Krona Żvediża	10,4850	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 306,14
CHF	Frank Żvizzeru	1,1276	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,4677
ISK	Krona Iżlandiża	131,50	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9499
NOK	Krona Norveġiża	9,6790	HRK	Kuna Kroata	7,4205
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 210,54
CZK	Krona Ċeka	25,646	MYR	Ringgit Malażjan	4,8044
HUF	Forint Ungeriż	324,77	PHP	Peso Filippin	62,497
PLN	Zloty Pollakk	4,3094	RUB	Rouble Russu	81,2488
RON	Leu Rumen	4,6323	THB	Baht Tajlandiż	38,009
TRY	Lira Turka	7,4953	BRL	Real Brażiljan	4,8011
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6310	MXN	Peso Messikan	22,3500
			INR	Rupi Indjan	84,0965

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2018/C 322/02)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	25.7.2018
Tul taż-żmien	25.7.2018 – 31.12.2018
Stat Membru	L-Irlanda
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	NEP/*07U16
Speċi	Skampu *(Nephrops norvegicus)*
Żona	L-Unità funzjonali 16 fis-subżona 7 tal-ICES
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	13/TQ120

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2018/C 322/03)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	1.8.2018
Tul taż-żmien	1.8.2018 – 31.12.2018
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	BFT/AE45WM
Speċi	Tonna (*Thunnus Thynnus*)
Żona	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	16/TQ120

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2018/C 322/04)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	28.7.2018
Tul taż-żmien	28.7.2018 – 31.12.2018
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	GFB/89- li jinkludi l-kundizzjoni speċjali GFB/*567-
Speċi	Lipp abjad *(Phycis blennoides)*
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII u IX
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	14/TQ2285

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

Informazzjoni li taw l-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2018/C 322/05)

Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	31.7.2018
Tul taż-żmien	31.7.2018 – 31.12.2018
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	BET/ATLANT
Speċi	Tonn obeż *(Thunnus obesus)*
Żona	L-Oċean Atlantiku
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	15/TQ120

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fir-Renju tat-Tajlandja

(2018/C 322/06)

Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika ta' skadenza imminenti ([1]) tal-miżuri antidumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja ("it-Tajlandja"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal rieżami

It-talba tressqet fit-13 ta' Ġunju 2018 mill-"association européenne des transformateurs de maïs doux" (AETMD) ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċertu qamħirrum ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreżervat.

Il-verżjoni miftuħa tat-talba u l-analiżi tal-grad ta' appoġġ għal talba minn produtturi tal-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.5 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl għall-partijiet interessati.

2. Prodott taħt rieżami

Il-prodott taħt rieżami huwa qamħirrum ħelu (*Zea mays var. saccharata*) bil-qalba, ippreparat jew ippreżervat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku, mhux iffriżat u qamħirrum ħelu (*Zea mays var. saccharata*) bil-qalba, ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti oħrajn tal-intestatura 2006, ("il-prodott soġġett għal rieżami"), li fil-preżent jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 (kodiċi TARIC 2001 90 30 10) u ex 2005 80 00 (kodiċi TARIC 2005 80 00 10).

3. Miżuri eżistenti

Il-miżuri li hemm bħalissa fis-seħħ jinkludu dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 875/2013 ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 307/2014 ([4]).

4. Raġunijiet għar-rieżami

It-talba hija msejsa fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx li tirriżulta fil-kontinwazzjoni jew fir-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu ([5]) għall-industrija tal-Unjoni.

([1]) ĠU C 440, 21.12.2017, p. 21.

([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 875/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 244, 13.9.2013, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 307/2014 tal-24 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara rieżami interim taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 1).

([5]) It-terminu ġenerali "dannu" jirreferi għal dannu materjali kif ukoll għat-theddida ta' dannu materjali jew dewmien materjali tal-istabbiliment ta' industrija kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku.

4.1. *Allegazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping*

Fin-nuqqas ta' *data* kredibbli dwar il-prezzijiet domestiċi għat-Tajlandja ("il-pajjiż ikkonċernat"), l-allegazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping hija bbażata fuq tqabbil ta' valur normali maħdum (spejjeż tal-manifattura, bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) u profitt) fit-Tajlandja mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott taħt rieżami meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiżi kkonċernati.

4.2. *Allegazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu*

L-applikant ipprovda biżżejjed evidenza li l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni vulnerabbli. L-industrija tal-Unjoni ma laħqitx il-profitt fil-mira sa issa, speċjalment fis-segment tal-marki tal-bejjiegħa bl-imnut.

L-applikant jallega wkoll il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu. F'dan ir-rigward l-applikant ipprovda evidenza suffiċjenti li turi li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell attwali ta' importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni probabbilment jiżdied minħabba l-eżistenza tal-kapaċità/potenzjal mhux użat tal-faċilitajiet ta' manifattura tal-produtturi fit-Tajlandja.

Finalment, l-applikant jallega li t-titjib tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni seħħ l-aktar minħabba l-eżistenza tal-miżuri u li kull rikorrenza ta' importazzjonijiet sostanzjali bi prezzijiet ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat aktarx twassal għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

5. **Proċedura**

Wara li ġie ddeterminat, b'segwitu għal konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li teżisti biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni b'dan tagħti bidu għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

Ir-rieżami tal-iskadenza se jiddetermina jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza tad-dumping tal-prodott taħt rieżami li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat, kif ukoll għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

Kif diġà mħabbar ([1]), l-hekk imsejjaħ pakkett tal-Modernizzazzjoni tat-TDI (ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2018 ([2])) daħħal, fost affarijiet oħra, tibdiliet sinifikanti fl-iskeda ta' żmien u l-iskadenzi applikabbli preċedentement fi proċedimenti antidumping. It-termini għall-partijiet interessati biex dawn jiġu 'l quddiem, b'mod partikolari fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet, se jiġu mqassra. L-iskeda ta' żmien għal din l-investigazzjoni, kif stabbilit f'din in-Notifika, tinkludi struzzjonijiet speċifiċi għas-sottomissjoni ta' informazzjoni fi stadji varji tal-investigazzjoni u fl-organizzazzjoni tas-smigħ. It-talbiet għall-estensjonijiet tal-iskadenzi se jsiru wkoll aktar stretti.

5.1. *Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni*

L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

5.2. *Proċedura għad-determinazzjoni ta' probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza tad-dumping*

Waqt rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni teżamina l-esportazzjonijiet li jkunu saru lejn l-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u, irrispettivament mill-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, tikkunsidra jekk is-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu u jbigħu l-prodott taħt rieżami fil-pajjiż ikkonċernat hijiex tali li t-tkomplija jew ir-rikorrenza tal-esportazzjonijiet bi prezzijiet li jkunu l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni x'aktarx tkompli jew terġa' sseħħ jekk il-miżuri jiskadu.

Għalhekk, il-produtturi ([3]) kollha tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat, irrispettivament jekk ikunux esportaw jew le l-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami jew le, huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

([1]) Ara l-memo "Short overview of the deadlines and timelines in the investigative process" http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/june/tradoc_156922.pdf

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

([3]) Produttur huwa kull kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi l-prodott taħt rieżami, inkluża kull kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami.

5.2.1. *L-investigazzjoni tal-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat*

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi fit-Tajlandja li huma involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u biex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, huma hawnhekk mitluba biex jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom mitluba fl-Anness I ta' din in-Notifika fi żmien sebat ijiem mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Il-Kummissjoni, sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tat-Tajlandja, u tista' tikkuntattja lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' raġonevolment jiġi investigat fil-qafas ta' żmien disponibbli. Il-produtturi kollha magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk dawn humiex inklużi fil-kampjun. Il-produtturi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se żżid nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li jirriflettu l-għażla tal-kampjun. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jiġi riċevut fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-kampjun.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2362).

Il-kwestjonarju se jkun disponibbli wkoll lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' produtturi magħrufa, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu mal-inklużjoni possibbli tagħhom fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu fil-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("il-produtturi li kkooperaw iżda mhumiex inklużi fil-kampjun").

5.2.2. *Investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* [1] [2]

Importaturi mhux relatati tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ, huma mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

([1]) Għall-kampjun jistgħu jintgħażlu biss importaturi li mhumiex relatati ma' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew iktar tal-azzjonijiet bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tkun tikkontrolla lill-persuna l-oħra direttament jew indirettament; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien ikunu jikkontrollaw terza persuna direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom ir-relazzjonijiet segwenti bejniethom biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([2]) Id-*data* mogħtija minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll biex jiġu eżaminati aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni, apparti milli biex jiġi stabbilit id-dumping.

Minħabba l-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi mhux relatati involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza u sabiex tlesti l-investigazzjoni fil-limitu tal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita għal għadd raġonevoli l-importaturi mhux relatati li se jkunu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi mhux relatati kollha, jew ir-rappreżentanti tagħhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wassal għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, qegħdin b'dan jintalbu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet iridu jagħmlu dan fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, kif mitlub fl-Anness II.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li tkun meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni, li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-importaturi mhux relatati u l-assoċjazzjonijiet ta' importaturi kollha magħrufa se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni dwar il-kumpaniji li ntgħażlu għall-kampjun.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li jirriflettu l-għażla tal-kampjun. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jiġi riċevut fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-kampjun.

Sabiex tikseb informazzjoni li tqis bħala meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-importaturi mhux relatati fil-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-importaturi mhux relatati hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2362).

5.3. ***Proċedura għad-determinazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu***

Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Investigazzjoni ta' produtturi tal-Unjoni

Minħabba li hemm għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex ittemm l-investigazzjoni fil-limitu tal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Il-Kummissjoni għażlet kampjun proviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Id-dettalji jinsabu fil-fajl li huwa għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkonsultaw il-fajl (biex jagħmlu dan iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni billi jużaw id-dettalji ta' kuntatt mogħtija fit-Taqsima 5.8 iktar 'l isfel). Produtturi oħrajn tal-Unjoni, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inklużi l-produtturi tal-Unjoni li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ, li jqisu li hemm raġunijiet għalfejn għandhom ikunu inklużi fil-kampjun iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jippreżentaw xi informazzjoni rilevanti oħra rigward l-għażla tal-kampjun iridu jagħmlu dan fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-produtturi tal-Unjoni u/jew l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi tal-Unjoni magħrufa kollha, dwar il-kumpaniji li jkunu finalment ntgħażlu biex ikunu fil-kampjun.

Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2362).

5.4. ***Proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni***

Jekk tiġi kkonfermata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u ta' dannu, se tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk iż-żamma tal-miżuri antidumping tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

Il-produtturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur tal-Unjoni huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni. Sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din in-Notifika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tingħata f'format ħieles jew billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2362). F'kull każ, l-informazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 21 se titqies biss jekk, meta tiġi ppreżentata, tkun sostnuta b'evidenza fattwali.

5.5. ***Partijiet interessati***

Biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati, bħalma huma l-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur tal-Unjoni l-ewwel għandhom juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-Unjoni li ppreżentaw informazzjoni disponibbli skont il-proċeduri deskritti fis-sezzjonijiet 5.2, 5.3 u 5.4 se jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-partijiet l-oħra jistgħu biss jipparteċipaw fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument meta huma jagħmlu lilhom infushom magħrufa, u sakemm ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami. Il-fatt li wieħed jiġi kkunsidrat bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi fl-indirizz li ġej: https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI. Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna biex ikollok aċċess.

5.6. ***Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub***

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna juru fehmiethom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.7. ***Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni***

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tkun tixtieq tiddiskuti matul is-smigħ. Is-smigħ se jkun limitat għall-kwistjonijiet stabbiliti mill-partijiet interessati bil-miktub minn qabel.

Fil-prinċipju, is-smigħ mhux se jintuża biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba u biex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem mal-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jiġu mitluba jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara smigħ.

5.8. ***Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza***

L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ hija ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu a) li l-Kummissjoni tuża' l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) li tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għaliha jintalab trattament kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "*Limited*" (ristretti) ([1]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

([1]) Dokument "*Limited*" (ristrett) huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "*Limited*" (ristretta) huma mitluba li jagħtu sommarji mhux kunfidenzjali skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "*Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati*". Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati tant li jippermettu fehim raġonevoli tas-sostanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġuni ġusta għat-talba għal trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tiegħu fil-format u l-kwalità mitlubin, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li għandhom jitressqu fuq CD-ROM jew DVD bl-idejn jew permezz ta' ittra reġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika validu tagħhom u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tax-xogħol uffiċjali operattiv u ċċekkjat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni se tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni permezz ta' mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta reġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat H
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika:

Għal aspetti ta' dumping:

TRADE-R695-SWEETCORN-DUMPING@ec.europa.eu

Għal aspetti ta' dannu:

TRADE-R695-SWEETCORN-INJURY@ec.europa.eu

6. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni għandha normalment tiġi konkluża fi żmien 12-il xahar, u f'kull każ mhux aktar tard minn 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

7. **Tressiq tal-informazzjoni**

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu biss l-informazzjoni f'perjodi speċifikati fit-taqsima 5 ta' din in-Notifika.

Sabiex tlesti l-investigazzjoni fi żmien l-iskadenzi mandatorji, il-Kummissjoni mhux se taċċetta aktar sottomissjonijiet mingħand partijiet interessati wara t-terminu perentorju għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali jew, jekk applikabbli, wara l-iskadenza għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni addizzjonali finali.

8. **Il-possibbiltà għall-kummenti dwar is-sottomissjonijiet ta' partijiet oħra**

Sabiex ikunu garantiti d-drittijiet tad-difiża, il-partijiet interessati għandu jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw fuq l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet oħra interessati. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati l-oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra, b'reazzjoni għad-divulgazzjoni tas-sejbiet definittivi, jitressqu fi żmien tlett ijiem mill-iskadenza għall-kummenti fuq is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm divulgazzjoni addizzjonali finali, jenħtieġ li l-kummenti ppreżentati minn partijiet interessati oħra bħala reazzjoni għal din id-divulgazzjoni jsiru fi żmien jum wieħed mill-iskadenza għall-kummenti dwar din id-divulgazzjoni ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-perjodu ta' żmien deskritt huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

9. **Estensjoni ta' perjodi ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika**

Kwalunkwe estensjoni tal-perjodi ta' żmien previst f'din in-Notifika tista' tintalab biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u se tingħata biss jekk tkun iġġustifikata.

L-estensjonijiet tal-iskadenza biex jitwieġbu l-kwestjonarji jistgħu jkunu mogħtija, jekk debitament iġġustifikati, u se jkunu normalment limitati sa tlett ijiem addizzjonali. Bħala regola, dawn l-estensjonijiet ma għandhomx ikunu aktar minn sebat ijiem. Rigward il-perjodi ta' żmien għas-sottomissjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata f'din in-Notifika, l-estensjonijiet se jkunu limitati għal tlett ijiem sakemm ma jintwerewx xi ċirkostanzi eċċezzjonali.

10. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fit-termini preskritti stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

Nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jiġix ikkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li biex tippreżenta t-tweġiba kif mitlub ikun iwassal għal piż żejjed mhux raġonevoli jew kost addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja l-Kummissjoni minnufih.

11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess tal-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-difiża tal-partijiet interessati u terzi persuni li jistgħu jinqalgħu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza smigħ bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu b'mod sħiħ. Jenħtieġ li t-talba għal smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta issir bil-miktub u li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta għandu jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dan is-smigħ għandu jsir biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kwalunkwe talba trid tkun sottomessa fi żmien raġonevoli u b'ħeffa sabiex ma tippreġudikax l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi żmien kmieni possibbli wara li jseħħ l-avveniment li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet jitressqu barra mit-termini rilevanti, l-Uffiċjal tas-Smigħ se jeżamina wkoll ir-raġunijiet għat-tali talbiet tardivi, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis b'mod xieraq l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija fil-ħin tal-investigazzjoni.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/

12. **Possibbiltà li jintalab rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Billi dan ir-rieżami ta' skadenza qed jitnieda f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet tiegħu mhux se jwasslu biex il-miżuri eżistenti jiġu emendati iżda biex dawn il-miżuri jitħassru jew jinżammu skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku.

Jekk xi parti interessata tqis li jkun iġġustifikat li jsir rieżami tal-miżuri, sabiex ikun possibbli li l-miżuri jiġu emendati, din il-parti tista' titlob li jsir rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet li jixtiequ jitolbu għal rieżami ta' dan it-tip, li jsir indipendentement mir-rieżami ta' skadenza msemmi f'din in-Notifika, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz mogħti hawn fuq.

13. **Proċessar ta' *data* personali**

Id-*data* personali kollha miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

ANNESS I

☐	Verżjoni “Ristretta” ([1])
☐	Verżjoni “Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati”
	(immarka l-kaxxa rilevanti)

PROĊEDIMENT ANTIDUMPING RIGWARD IMPORTAZZJONIJIET TA’ ĊERTU QAMĦIRRUM ĦELU BIL-QALBA PPREPARAT JEW IPPRESERVAT LI JORIĠINA FIT-TAJLANDJA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TAL-PRODUTTURI FIT-TAJLANDJA

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi esportaturi fit-Tajlandja jwieġbu t-talba għall-informazzjoni dwar it-teħid ta’ kampjuni li saret fil-punt 5.2.1. tan-Notifika ta’ bidu.

Kemm il-verżjoni “Ristretta” (*Limited*) kif ukoll il-verżjoni “Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati” (*For inspection by interested parties*) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta’ Bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TA’ KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta’ kuntatt	
Indirizz tal-posta elettronika	
Telefon	
Faks	

2. FATTURAT, VOLUM TAL-BEJGĦ, PRODUZZJONI U KAPAĊITÀ TAL-PRODUZZJONI

Fir-rigward tal-prodott taħt rieżami kif definit fin-Notifika ta’ Bidu u li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat, għall-perjodu tal-investigazzjoni ta’ rieżami definit fit-Taqsima 5.1 tan-Notifika (l-1 ta’ Lulju 2017 sat-30 ta’ Ġunju 2018), indika l-bejgħ f’esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru ([2]) separatament u f’daqqa, il-bejgħ f’esportazzjonijiet lejn il-bqija tad-dinja (bħala total u l-ħames l-ikbar pajjiżi importaturi), il-bejgħ domestiku, il-produzzjoni u l-kapaċità ta’ produzzjoni. Indika liema munita qed tintuża.

Tabella 1

Fatturat, volum tal-bejgħ

	Piż nett (qamħirrum ħelu flimkien mal-likwidu) f’tunnellati		Valur fil-munita tal-kontabbiltà Speċifika l-munita użata
Bejgħ f’esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru separatament u kollha f’daqqa, tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek	It-total:		
	Semmi kull Stat Membru (*):		
Bejgħ f’esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek lejn il-bqija tad-dinja	It-total:		
	Semmi l-ħames pajjiżi li l-aktar jimportaw u agħti l-volumi u l-valuri rispettivi (*)		

([1]) Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping).

([2]) It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

	Piż nett (qamħirrum ħelu flimkien mal-likwidu) f'tunnellati	Valur fil-munita tal-kontabbiltà Speċifika l-munita użata
Il-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek		

(*) Żid ringieli addizzjonali fejn meħtieġ.

Tabella II

Produzzjoni u kapaċità ta' produzzjoni

	Piż nett (qamħirrum ħelu flimkien mal-likwidu) f'tunnellati
Il-produzzjoni kumplessiva tal-kumpanija tiegħek tal-prodott taħt rieżami	
Il-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpanija tiegħek tal-prodott taħt rieżami	

3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI ([1])

Agħti dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u l-kumpaniji relatati kollha (jekk jogħġbok elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew domestiku) tal-prodott taħt rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott taħt rieżami jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti sottokuntrattwali, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott taħt rieżami, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Relazzjoni

4. INFORMAZZJONI OĦRA

Jekk jogħġbok agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Meta tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx jissejsu fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

([1]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) terza persuna tkun is-sid, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew iktar tal-azzjonijiet bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien jikkontrollaw terza persuna direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom ir-relazzjonijiet segwenti bejniethom biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ANNESS II

☐	Verżjoni “Ristretta” (1)
☐	Verżjoni “Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati”
	(immarka l-kaxxa rilevanti)

PROĊEDIMENT ANTIDUMPING RIGWARD IMPORTAZZJONIJIET TA’ ĊERTU QAMĦIRRUM ĦELU BIL-QALBA PPREPARAT JEW IPPRESERVAT LI JORIĠINA FIT-TAJLANDJA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA’ IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għat-talba għal informazzjoni marbuta mal-kampjunar li saret fil-punt 5.2.2. tan-Notifika ta’ Bidu.

Kemm il-verżjoni “Ristretta” (*Limited*) kif ukoll il-verżjoni “Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati” (*For inspection by interested parties*) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta’ Bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TA’ KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta’ kuntatt	
Indirizz tal-posta elettronika	
Telefon	
Faks	

2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika t-total tal-fatturat f’euro (EUR) tal-kumpanija, u l-fatturat u l-piż nett għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni (2) u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mit-Tajlandja, matul il-perjodu ta’ investigazzjoni ta’ rieżami (l-1 ta’ Lulju 2017 sat-30 ta’ Ġunju 2018), ta’ ċertu qamħirrum ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat kif definit fin-Notifika tal-Bidu.

	Piż nett (qamħirrum ħelu flimkien mal-likwidu) f’tunnellati	Valur f’euro (EUR)
Il-fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f’euro (EUR)		
Importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott taħt rieżami li joriġina mit-Tajlandja		
Il-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mit-Tajlandja tal-prodott taħt rieżami		

(1) Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Antidumping).

(2) It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI (1)

Agħti dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u l-kumpaniji relatati kollha (jekk jogħġbok elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew domestiku) tal-prodott taħt rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott taħt rieżami jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti sottokuntrattwali, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott taħt rieżami, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Relazzjoni

4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Meta tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx jissejsu fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

(1) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) terza persuna tkun is-sid, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew iktar tal-azzjonijiet bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien jikkontrollaw terza persuna direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom ir-relazzjonijiet segwenti bejniethom biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8236 — Vossloh Rail Services/Rhomberg Sersa Rail Holding/Rhomberg Sersa Vossloh (JV))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/07)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vossloh, AG ("Vossloh", il-Ġermanja),

— Rhomberg Sersa Rail Holding, GmbH ("Rhomberg Sersa", l-Awstrija),

— Rhomberg Sersa Vossloh, GmbH ("RSV", il-Ġermanja).

Vossloh — permezz tas-sussidjarja proprjetà tagħha kollha hi, Vossloh Rail Services GmbH (il-Ġermanja) — u Rhomberg Sersa jakkwsitaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' RSV. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vossloh: manufattura tal-infrastruttura tal-ferroviji u t-teknoloġija tal-ferroviji; Produzzjoni ta' sistemi li jorbtu l-ferroviji flimkien, sistemi tas-switches u sistemi tas-sinjali, inkluza l-provvista ta' servizzi relatati;

— Rhomberg Sersa: fornitur ta' servizzi sħaħ fil-qasam tat-teknoloġija tal-ferroviji, tal-kostruzzjoni tal-ferroivji u tat-tagħmir; kostruzzjoni, rinnovazzjoni u manutenzjoni tal-linji tal-ferroviji, kostruzzjoni tal-ferroviji u t-tagħmir, provvista tal-enerġija tal-ferroviji, teknoloġija tal-komunikazzjoni u servizzi relatati;

— RSV: servizzi ta' spezzjonijiet u manutenzjoni għal switches għall-ferroviji industrijali u trasport lokali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8236 — Vossloh Rail Services/Rhomberg Sersa Rail Holding/Rhomberg Sersa Vossloh (JV)

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

L-indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8977 — Lone Star Funds/Imerys TC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/08)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LSF10 Impala Investments SARL (il-Lussemburgu), ikkontrollata minn Lone Star Fund X (l-Istati Uniti) (flimkien "Lone Star Funds");

— Imerys TC, société par actions simplifiée ("Imerys", Franza), ikkontrollata minn Imerys SA (Franza).

Lone Star Funds takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Imerys kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lone Star Funds: bħala ditta ta' ekwità privata, li tinvesti fi proprjetà immobbli, ekwità, kreditu u assi finanzjarji oħra madwar id-dinja;

— Imerys: tfassal u tipprovdi prodotti tas-soqfa inkluż madum tat-tafal u tal-fuħħar, soluzzjonijiet fotovoltajċi, tisqif termali u aċċessorji, għas-servizz ta' individwi, professjonisti u kumpaniji tal-kostruzzjoni, kważi esklussivament fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8977 — Lone Star Funds/Imerys TC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8960 — Adient/Boeing/JV (Aircraft seats))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/09)

1. Fil-31 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Adient US LLC, ikkontrollata minn Adient plc ("Adient", l-Istati Uniti),

— The Boeing Company ("Boeing", l-Istati Uniti),

— Adient Aerospace, LLC (l-Istati Uniti).

Adient US LLC u Boeing jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll kongunt ta' Adient Aerospace, LLC.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkonsisti f'joint venture (JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Adient: id-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' firxa ta' sistemi ta' seats u komponenti tas-seats għall-karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali u trakkijiet ħfief,

— Boeing: id-disinn, il-manifattura u l-bejgħ ta' ajruplani kummerċjali tal-ġett u sistemi ta' difiża, l-ispazju u s-sigurtà mad-dinja kollha,

— Adient Aerospace, LLC: id-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' seats tal-ajruplani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

M.8960 — Adient/Boeing/JV (Aircraft seats)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

L-indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9114 — KKR/TPG Asia/KMK/Square Peg/PropertyGuru)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 322/10)

1. Fil-5 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti),

— TPG Asia VI SF Pte Ltd ("TPG Asia", Singapor), li tappartjeni għal TPG (l-Istati Uniti),

— PT Kreatif Media Karya ("KMK", l-Indoneżja), li tappartjeni għall-grupp Emtek (l-Indoneżja),

— Square Peg Capital Pty Ltd ("Square Peg", l-Awstralja), u

— PropertyGuru Pte. Ltd ("PropertyGuru", Singapor).

KKR, TPG Asia, KMK u Square Peg jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolamrent dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' PropertyGuru.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— KKR: ditta ta' investiment dinji li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi alternattivi lill-investituri tas-suq pubbliċi u privati u li tipprovdi soluzzjoni tas-suq kapitali għad-ditta, il-kumpaniji tal-portafoll u l-klijenti tagħha,

— TPG Asia: parti minn TPG, ditta ta' investiment privat li tmexxi familja ta' fondi li tinvesti f'varjetà ta' kumpaniji permezz ta' akkwisti u ristrutturar korporattiv,

— KMK: il-preżenza tal-midja online tal-grupp Emtek, li tħaddem tliet stazzjonijiet televiżivi ta' xandir fuq bażi bla ħlas, produzzjoni ta' kontenut, negozju tat-televiżjoni bi ħlas u diversi negozji tas-soluzzjonijiet tal-IT, u għandha preżenza fil-midja online stabbilita permezz tas-sussidjarja tagħha KMK Online,

— Square Peg: ditta dinjija ta' kapital li jiffinanzja start-ups fil-qasam tat-teknoloġija, u

— PropertyGuru: fornitur ta' pjattaformi bbażati fuq l-internet għal persuni jew kumpaniji interessati, għall-finijiet kummerċjali jew privati, f'li jbiegħu, Jakkwistaw jew jikru proprjetà immobbli, primarjament f'Singapor, il-Malasja, l-Indoneżja, il-Vjetnam u t-Tajlandja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9114 — KKR/TPG Asia/KMK/Square Peg/PropertyGuru

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI — KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Termini mill-Mercosur li għandhom jiġu protetti bħala termini tradizzjonali għall-inbid fl-Unjoni Ewropea

(2018/C 322/11)

Fin-negozjati li għaddejjin mal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") li jinkludi Anness dwar il-kummerċ fl-inbejjed u fl-ispirti, l-awtoritajiet tal-Mercosur talbu għall-protezzjoni ta' tnax-il terminu bħala termini tradizzjonali għall-inbejjed li huma fil-Ftehim. Attwalment il-Kummissjoni Ewropea qed tikkunsidra jekk dawn it-termini għandhomx jiġu protetti bħala termini tradizzjonali skont il-Ftehim futur.

Il-Kummissjoni tistieden lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu, residenti jew stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, biex tressaq oppożizzjonijiet għal tali protezzjoni billi tibgħat dikjarazzjoni sostanzjata kif dovut.

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għandhom jiġu eżaminati biss jekk jaslu fil-limitu ta' żmien stabbilit hawn fuq. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni għandhom jintbagħtu fuq dan l-indirizz elettroniku: AGRI-A3@ec.europa.eu

Il-protezzjoni possibbli ta' dawn it-termini bħala termini tradizzjonali fl-Unjoni Ewropea hija soġġetta għall-konklużjoni b'suċċess ta' dawn in-negozjati u l-att legali sussegwenti.

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"CRIANZA"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Arġentina

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Crianza

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

L-espressjonijiet: Barrel, Crianza en Roble, Criado en Barrica de Roble jew simili jistgħu jintużaw biss meta jkunu effettivament intużaw btieti tal-ballut biex jittrażmettu l-karatteristiċi tal-injam lill-prodotti tal-inbid.

(Art.6 de la Resolución Nº 23/2008)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"DULCE NATURAL"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Arġentina

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Dulce natural

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Vino dulce natural: Il-prodott miksub mill-fermentazzjoni parzjali ta' għeneb frisk u misjur jew minn most tal-għeneb frisk mill-ispeċi ta' *Vitis Vinifera* L., li l-fermentazzjoni mhux kompluta tiegħu hija minħabba l-użu ta' proċessi fiżiċi fil-mument tal-elaborazzjoni tiegħu, b'VOLUM ta' kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' mhux inqas minn ħamsa fil-mija (5 % v/v) u b'kontenut ta' zokkor, prodott esklussivament mill-fermentazzjoni, ta' mhux inqas minn għoxrin gramma kull litru (20 g/l) ta' zokkor riduċenti. Dan l-inbid jista' jkun ġeneriku jew varjetali.

Vino espumante dulce natural: prodott li d-dijossidu tal-karbonju tiegħu ġej minn fermentazzjoni f'kontenitur magħluq, magħmul minn most tal-għeneb frisk jew minn most tal-għeneb frisk parzjalment iffermentat u ppreżervat b'mezzi fiżiċi; bi pressjoni finali ta' mhux inqas minn erba' atmosferi (4 atm.) f'temperatura ta' għoxrin grad (20 °C); b'volum ta' kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' mhux inqas minn seba' fil-mija (7 % v/v) u fdal minimu ta' zokkor naturali ta' sittin gramma kull litru (60 g/l). Ma jistax jiżdied ma' likur tirage u/jew ta' espedizzjoni.

(Art. 1 y 2 de la Resolución 17/2012 y Anexo I Punto I Punto 2.2 de la Resolución Nº 01/2003).

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"FINO"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Arġentina

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Fino

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Huwa l-inbid b'kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' bejn 8,6 % u 14,0 % li ġej esklussivament minn varjetajiet ta' Vitis vinifera ħlief għal Criolla Grande u Cereza, elaborat permezz ta' proċessi teknoloġiċi xierqa li jiżguraw l-ottimizzazzjoni tal-karatteristiċi sensorjali tiegħu.

(Capítulo 2 Art. 2.2.1.3 Reglamento GMC Nº 45/1996 Reglamento Vitivinícola del Mercosur)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"VINO GENEROSO"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Arġentina

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Vino Generoso

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Inbejjed speċjali (likuri u/jew imsaħħa):

1. Kategorija A: Inbid xott jew ħelu li, mingħajr proċessi ta' arrikkiment, għandu kontenut ta' alkoħol skont il-volum ta' mhux inqas minn tnax punt ħamsa fil-mija (12 u ½ %) u/jew kontenut ta' alkoħol akkwistat u qawwa alkoħolika ta' mhux inqas minn ħmistax-il grad (15° GL.);

2. Kategorija B: Inbid xott jew ħelu li l-kontenut ta' alkoħol tiegħu skont il-volum ma jkunx inqas minn ħmistax fil-mija (15 %) u li jkun ġej, parzjalment, miż-żieda ta' alkoħol etiliku fi kwalunkwe ħin matul il-preparazzjoni tiegħu;

3. Kategorija Ċ: Huwa l-inbid miksub biż-żieda ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti li ġejjin fi kwalunkwe ħin matul il-proċess ta' produzzjoni indistinta, flimkien jew separatament: most ikkonċentrat, mistela, arrope, karamella tal-għeneb jew alkoħol etiliku b'qawwa alkoħolika totali ta' mhux inqas minn ħmistax-il grad (15° GL.).

(Art. 17 inc. B de la Ley 14.878 Ley General de Vinos)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"FINO"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Urugwaj

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Fino

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Huwa l-inbid b'kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' bejn 8,6 % u 14,0 %, esklussivament minn speċi ta' Vitis vinifera ħlief għall-varjetajiet ta' Criolla Grande u Cereza, elaborat permezz ta' proċessi teknoloġiċi xierqa li jiżguraw l-ottimizzazzjoni tal-karatteristiċi sensorjali tiegħu.

(Capítulo 2 Art. 2.2.1.3 Reglamento GMC Nº 45/1996 Reglamento Vitivinícola del Mercosur)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"LEVE"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Urugwaj

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Leve

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Huwa l-inbid b'kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' bejn 7,0 % u 8,5 %, miksub esklussivament mill-fermentazzjoni taz-zokkor naturali tal-għeneb, prodott waqt il-ħsad fir-reġjun tal-produzzjoni.

(Res GMC 45/96, Decreto 325/97, Decreto 190/2010)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"RESERVA"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Urugwaj

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Reserva.

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Dawn huma dawk magħmula mir-razez tal-ispeċi Vitis vinifera, b'għeneb tal-inbid ta' kwalità rikonoxxuta, li, wara proċess ta' maturazzjoni f'kundizzjonijiet xierqa, ikunu laħqu livell tajjeb ta' raffinament fir-rigward tal-kwalitajiet sensorjali kollha tagħhom.

(Decreto Nº 315/994)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"VIEJO"

Lingwa tal-applikazzjoni: L-Ispanjol

Applikant: L-Urugwaj

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Viejo

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: L-Ispanjol

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

L-inbejjed mibjugħin bl-ismijiet "antik" iridu jkunu għaddew minn proċess ta' elaborazzjoni ta' mill-inqas sentejn.

(Decreto 6/8/29)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"FINO"

Lingwa tal-applikazzjoni: Portugiż

Applikant: Il-Brażil

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Fino

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: Portugiż

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Vinho Fino huwa nbid b'kontenut alkoħoliku skont il-volum ta' bejn 8,6 % (tmienja punt sitta fil-mija) u 14 % (erbatax fil-mija), ippreparat permezz ta' proċessi teknoloġiċi xierqa li jiżguraw l-ottimizzazzjoni tal-karatteristiċi sensorjali tiegħu u magħmul esklussivament minn varjetajiet ta' Vitis vinifera tal-grupp Nobles, kif definit fir-regolament.

(item 2.2.1.3. do Regulamento Vitivinícola do Mercosul, Lei Federal n. 7.678/1988, § 1, Art. 9)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"LEVE"

Lingwa tal-applikazzjoni: Portugiż

Applikant: Il-Brażil

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Leve

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: Portugiż

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

Art. 10. Leve vinho huwa nbid b'kontenut ta' alkoħol skont il-volum ta' bejn 7 % (seba' fil-mija) u 8,5 % (tmienja punt ħamsa fil-mija), miksub esklussivament mill-fermentazzjoni taz-zokkor naturali tal-għeneb, prodott matul il-ħsad fiż-żoni tal-produzzjoni tiegħu, l-elaborazzjoni tiegħu tipprojbixxih milli jintuża bħala inbid tal-mejda.

(item 2.2.1.2. do Regulamento Vitivinícola do Mercosul, Lei Federal n. 7.678/1988, Art. 10)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"RESERVA"

Lingwa tal-applikazzjoni: Portugiż

Applikant: Il-Brażil

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Reserva

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: Portugiż

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

I — fil-każ ta' nbid aħmar b'kontenut minimu ta' alkoħol skont il-volum ta' 11 %, għandu jkun osserva perjodu ta' maturazzjoni ta' mhux inqas minn tnax-il xahar, sakemm jintużaw kontenituri xierqa tal-injam.

II — fil-każ ta' nbid aħmar b'kontenut minimu ta' alkoħol skont il-volum ta' 11 %, għandu jkun osserva perjodu ta' maturazzjoni ta' mhux inqas minn tnax-il xahar, sakemm jintużaw kontenituri xierqa tal-injam.

(Portaria MAPA n. 43/2016, art. 30)

APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TERMINU TRADIZZJONALI

"GRAN RESERVA"

Lingwa tal-applikazzjoni: Portugiż

Applikant: Il-Brażil

Terminu tradizzjonali li għalih qed tintalab il-protezzjoni: Gran Reserva

Lingwa tat-terminu tradizzjonali: Portugiż

Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

Inbid

Definizzjoni

I — fil-każ ta' nbid aħmar b'kontenut minimu ta' alkoħol skont il-volum ta' 11 %, dan għandu jkun osserva perjodu ta' maturazzjoni ta' mhux inqas minn 18-il xahar. L-użu ta' kontenituri ta' njam xieraq b'kapaċità massima ta' sitt mitt litru huwa obbligatorju għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur u,

II — fil-każ ta' nbid abjad jew "rosé" b'kontenut minimu ta' alkoħol skont il-volum ta' 11 %, dan għandu jkun osserva perjodu ta' maturazzjoni ta' mhux inqas minn 12-il xahar. L-użu ta' kontenituri ta' njam xieraq b'kapaċità massima ta' sitt mitt litru huwa obbligatorju għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet xhur.

Portaria MAPA n. 43/2016, art. 30

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT